# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tlieta 3 ta' Jannar, 2017

**Rik. Nru. 1872/16JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1872/16 fl-ismijiet:

Deborah Anne **BUTTIĠIEĠ**, Jonathan Vella u Marisa Saliba

vs

Joseph **RAPA**, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u Ivan Falzon, fil-kapaċita' tiegħu ta' *Chief Executive Officer* tal-Isptar *Mater Dei*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-21 ta' Diċembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-intimati jew lil min minnhom milli "jkompli jaqta' u jnaqqas mill-paga perċepita mir-

rikorrenti bħala ħaddiema tal-*Mater Dei Hospital* taħt il-pretiża ta' '*Absence Deduction*'';

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Diċembru, 2016, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tad-29 ta' Diċembru, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-28 ta' Diċembru, 2016, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jipproċedu kontra l-Kap Eżekuttiv tal-Isptar għaliex dan ma għandux ir-rappreżentanza ġuridika tal-istess Sptar, li bil-liġi hija mħollija fid-Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa). Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex din il-Qorti tista' tasal biex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Jgħidu li għall-jeddijiet li r-rikorrenti jridu jħarsu bil-ħruġ tal-Mandat ma hemm l-ebda xkiel b'dak li qiegħed isir. L-intimati jgħidu li t-tnaqqis fil-paga li qiegħed isir lit-tliet rikorrenti huwa tnaqqis maħsub mil-liġi minħabba li ma jistgħux jippretendu li jitħallsu ta' xogħol li ma jagħmlux, imma dan bl-ebda mod ma qiegħed ifixkilhom milli jappartienu għal *trade union* u wisq anqas iżommhom milli jsegwu d-direttivi tagħha. Lanqas ma qiegħed iwaqqafhom ħadd milli jirrapportaw għax-xogħol: hija għażla waħdanija tagħhom li mbagħad imorru għax-xogħol u jagħmlu ta' rashom u ma jaħdmux fejn jintbagħtu. L-intimati jżidu li l-arranġamenti tat-tqassim tax-xogħol tal-kategorija ta' ħaddiema li minnha jagħmlu r-rikorrenti qiegħed isir bis-saħħa ta' ftehim milħuq mat-*trade union* li tgawdi l-għarfien tal-amministrazzjoni tal-Isptar u r-rifjut min-naħa tar-rikorrenti li joqogħdu għalih iwassal għal ksur ta' dak l-arranġament u joħloq staġnar fis-servizz mogħti lill-pazjenti. L-intimati jisħqu li d-direttiva mogħtija mill-*union* li fiha ssieħbu r-rikorrenti hija waħda illeġittima u kontra l-liġi. Jtemmu billi jgħidu li l-imġiba tar-rikorrenti toħloq preġudizzju irrimedjabbli billi twassal għal sitwazzjoni fejn min ma jaħdimx jitħallas daqs min qiegħed jaħdem u jagħti s-servizz tiegħu fejn meħtieġ. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti għandhom rimedji oħrajn li bihom jistgħu jinqdew jekk kemm-il darba jridu jħarsu l-jeddijiet tagħhom;

Semgħet id-dikjarazzjoni tar-rappreżentant tal-intimati waqt is-smigħ tad-29 ta' Diċembru, 2016, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Diċembru, 2016, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-intimati, jew min minnhom, ma jibqgħux inaqqsu mill-paga tagħhom somom li t-tmexxija tal-Isptar *Mater Dei* (minn issa 'l hemm imsejjaħ "SMD") tqishom bħallikieku jiem sħaħ li r-rikorrenti baqgħu ma daħlux għax-xogħol;

Tqis li r-rikorrenti huma lkoll impjegati li jagħmlu mill-kategorija ta' flebotomisti (*Phlebotomist technicians*) li fiha b'kollox, f'SMD, hemm 'il fuq minn tletin (30) ruħ;

Tqis li r-rikorrenti huma mseħbin fil-*Union Ħaddiema Magħqudin – Voice of the Workers*;

Tqis li r-rikorrenti qegħdin isegwu direttiva mill-Union tagħhom bħala riżultat ta' tilwima ta' xogħol dwar l-arranġament tat-tqassim tax-xogħol għall-kategorija tal-flebotomisti milħuq għall-ħabta ta' Lulju tal-2016 bejn it-tmexxija ta' SMD u l-*General Workers' Union*, li hija t-*trade union* magħrufa mill-istess tmexxija ta' SMD biex tirrappreżenta lil dik il-kategorija għall-finijiet ta' negozjati;

Tqis li l-arranġament imsemmi jirrigwarda sistema ta' rotazzjoni tal-kategorija, maħsuba biex issolvi problemi li kienu qiegħdin jinħalqu f'xi taqsimiet tal-Isptar[1], imma li l-Union li fiha r-rikorrenti ssieħbu tqisha mhux meħtieġa. Minn mindu beda jitħaddem l-arranġament, waqfu l-ilmenti li kien hemm qabel dwar is-servizz tal-flebotomisti;

[1] Dok "BS1", f'paġġ. 22 – 3 tal-atti

Tqis li minn kemm ir-rikorrenti ilhom isegwu d-direttiva tal-Union tagħhom, sarilhom tnaqqis mill-paga tagħhom ta' kull xahar bħala "*Absence Day Deduction*"[2];

Tqis li l-Union li tagħha r-rikorrenti huma membri talbet lill-intimat Rapa biex jintervjeni ħalli ma jibqax isir aktar it-tnaqqis mill-paga tar-rikorrenti[3], li l-imsemmija Union tqis li qiegħed isir talli r-rikorrenti għażlu li joqogħdu għad-direttiva tagħha u talli għażlu li jissieħbu bħala membri magħha. It-tnaqqis baqa' jsir sa dakinhar li l-Qorti laqgħet provviżorjament it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat;

Tqis li bejn it-tmexxija ta' SMD u l-Union li tagħha r-rikorrenti huma membri, saru tentattivi biex jinstab tarf tat-tilwima, minkejja li dik il-Union ma tgawdix l-għarfien tat-tmexxija ta' SMD;

Tqis li fil-jiem li r-rikorrenti tnaqqsulhom il-pagi, huma kienu daħlu għax-xogħol fl-SMD imma s-servizz tagħhom ma ngħatax;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[4];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[5]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu

---

[2] Dokti "B", "Ċ" u "D" f'paġġ. 7 – 9 tal-atti
[3] Dok "A" f'paġ. 6 tal-atti
[4] Art. 873(1) tal-Kap 12
[5] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[6];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[7]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħu r-rikorrenti huwa dak li ż-żamma jew tnaqqis mill-paga li sarilhom matul l-aħħar xhur huwa bi ksur tal-liġi, ladarba huwa r-riżultat u l-konsegwenza tal-fatt li huma qegħdin jobdu direttiva tat-Trade Union li fiha huma msieħba dwar tilwima tax-xogħol li ġiet reġistrata;

Tqis li l-intimati jisħqu li ma sar xejn li bih ir-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li jissieħbu fi Trade Union jew li żżommhom milli jsegwu d-direttivi tagħha. Huma jgħidu li t-tnaqqis mill-paga jirrigwarda n-nuqqas tar-rikorrenti li jagħmlu x-xogħol lilhom ordnat fit-taqsimiet ta' SMD li fihom jintbagħtu skond l-arranġament tar-rotazzjoni;

Tqis li l-intimati jiġġustifikaw il-miżura meħuda kontra r-rikorrenti fuq is-saħħa taqsima 2.1.4 tal-*Public Service Management Code* li jitkellem dwar "*Absences*"[8] u fuq il-fatt li r-rikorrenti ma għamlux dak li s-superjuri talbuhom jagħmlu;

Tqis li r-rikorrenti jagħmluha ċara li n-nuqqas ta' qbil mal-arranġament tar-rotazzjoni u r-reġistrazzjoni tat-tilwima tax-xogħol huma prerogattiva tal-Union tagħhom (ukoll jekk jidher li jaqblu magħha), u li l-jedd mad-

---

[6] Art. 875(3) tal-Kap 12
[7] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[8] B'mod partikolari § 2.1.4.1 li jirregola "*Unauthorised Absences: Deduction of Pay*"

daqqa t'għajn li jridu jħarsu bil-ħruġ tal-Mandat tal-lum huwa dak li jsegwu u jobdu direttiva ta' Trade Union bla ma jġarrbu konsegwenzi bi ħsara għal dik l-għażla;

Tqis li, bir-rieda tal-liġi[9], "*għall-finijiet .... ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, s-servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar il-kundizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern, ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra*";

Tqis, madankollu, li safejn jidħlu l-jeddijiet ta' ħaddiema li jkunu qegħdin isegwu direttiva mogħtija minn Trade Union (kemm jekk huma mseħbin tagħha u kif ukoll jekk le) bi-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol, il-liġi ma tagħrafx bejn impjegati fis-servizz pubbliku u dawk li jaħdmu mas-settur privat[10];

Tqis li l-liġi trid li prinċipal ma jiddiskrimina bl-ebda mod ma' ħaddiem li jkun qiegħed isegwi direttiva ta' azzjoni industrijali bil-ħsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol, sakemm dik l-azzjoni ma ssirx bi ksur ta' xi ftehim kollettiv jew ftehim industrijali volontarju, u l-ebda għemil bħal dak ma jitqies li huwa interruzzjoni fis-servizz ta' dak il-ħaddiem[11];

Tqis li ma tistax taqbel mal-argument tal-intimati li d-direttiva tal-Union li tagħha r-rikorrenti huma membri hija, mad-daqqa t'għajn, waħda illegali ladarba dik il-Union ma tgawdix l-għarfien tat-tmexxija ta' SMD għall-finijiet ta' negozjar. Il-jedd ta' Trade Union li tirreġistra tilwima ta' xogħol u li tagħti direttivi ta' azzjoni industrijali ma jiddependux fuq jekk tali Union tgawdix l-għarfien tal-prinċipal;

Tqis, għalhekk, li d-direttiva li r-rikorrenti qegħdin isegwu ma jistax jingħad li hija mad-daqqa t'għajn, waħda bi ksur tal-liġi;

---

[9] Ara art. 469A(6) tal-Kap 12
[10] Art. 84(1) tal-Kap 452
[11] Art. 64(4) tal-Kap 452

Tqis li ħareġ mill-atti li t-tnaqqis fil-paga tar-rikorrenti sar u qiegħed isir għaliex huma għażlu li jsegwu direttiva ta' azzjoni industrijali mogħtija mill-Union;

Tqis li, minbarra li ħareġ li r-rikorrenti kienu marru għax-xogħol fil-jiem li dwarhom tnaqqsitilhom il-paga, ir-regolament tal-PSMC li fuqu jistrieħu l-intimati biex jiġġustifikaw l-imsemmi tnaqqis jitkellem dwar min ma jkunx mar għax-xogħol għal raġuni mhux awtorizzata, u mhux dwar min ikun mar fuq il-post tax-xogħol tiegħu u ma wettaqx dak mitlub mis-superjuri tiegħu;

Tqis li fi proċedura bħal din, il-Qorti trid tara biss jekk il-jedd pretiż ikunx jidher mad-daqqa ta' għajn u ma għandux ikun li tidħol fi stħarriġ tas-siwi tal-imġiba, li l-post xieraq tiegħu huwa f'kawża li tistħarreġ il-mertu;

Tqis, madankollu, li jidher mad-daqqa t'għajn li l-miżura li minnha jilmintaw ir-rikorrenti f'dan il-Mandat hija waħda li l-liġi ma jidhirx li tappoġġa, għaliex hija għamla ta' ritorsjoni talli huma qegħdin isegwu direttiva ta' azzjoni industrijali tal-Union tagħhom, u bla ħsara għal miżuri oħrajn li l-liġi tippermetti lill-prinċipal li jieħu fil-konfront ta' impjegati tiegħu li jirrikorru għal azzjoni industrijali;

Tqis għalhekk li r-rikorrenti seħħilhom juru li għandhom jedd *prima facie* xi jħarsu biex jistgħu jitolbu l-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li dwar il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat sabiex l-għemil li r-rikorrenti jridu jżommu lill-intimati milli jwettqu ma jħallix ħsara fuqhom, il-Qorti ssib li lanqas dan l-element ma jirriżulta. L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[12], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li dan l-element jinsab soddisfatt ukoll fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha. Ladarba l-intimati iddikjaraw, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kap 12, li kien fi ħsiebhom jibqgħu japplikaw il-miżura tat-tnaqqis fil-pagi tar-rikorrenti li kieku ma kienx għall-fatt li l-Qorti laqgħet it-talba

[12] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

għall-ħruġ tal-Mandat b'mod provviżorju, joħroġ ċar li huwa meħtieġ li l-Qorti tilqa' t-talba biex ir-rikorrenti jkunu f'qagħda li jħarsu l-jedd mad-daqqa t'għajn li ntwera li għandhom bla ma jkollhom jirrinunzjaw għall-istess jedd biex iwaqqfu l-konsegwenzi tal-miżura amministrattiva meħuda mit-tmexxija ta' SMD, u sakemm il-qofol tal-kwestjoni jkun mistħarreġ fis-sede xierqa fil-mertu;

Tqis ukoll li meta wieħed iqabbel il-ħsara li jġarrbu r-rikorrenti li kieku jibqa' fis-seħħ it-tnaqqis tal-paga tagħhom meta mqabbel mal-ħsara mġarrba mit-tmexxija ta' SMD  li kieku tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, ma hemm l-ebda dubju li tal-ewwel iġarrbu ħsara agħar minn dik li tista' ġġarrab it-tmexxija ta' SMD sakemm ikunu mistħarrġin il-kwestjonijiet dwar il-mertu quddiem il-Qorti xierqa.  Wara kollox, kif ingħad qabel, it-tmexxija ta' SMD għandha rimedji oħrajn li tista' tirrikorri għalihom, imma mhux it-tħaddim ta' regolament fil-PSMC li ma jidhirx li jgħodd għall-każ tar-rikorrenti;

Tqis għalhekk li r-rikorrenti seħħilhom juru li dan l-element jirriżulta wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi jirriżultaw l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tordna** li l-intimati jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, it-Tlieta, 3 ta' Jannar, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**